2024/1332

21.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1332

tas-17 ta' Mejju 2024

li jemenda ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard jew l-irtirar tiegħu, ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, fir-rigward ta' ċertu mard elenkat u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 31(4), it-tieni subparagrafu, 36(4) u 42(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-mard elenkat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tiegħu, u kif dawk ir-regoli għandhom jiġu applikati għal kategoriji differenti ta' mard elenkat. Dak ir-Regolament jipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), u għall-programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punt (c), u għall-approvazzjoni ta' tali programmi mill-Kummissjoni. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tapprova jew tirtira l-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom rigward ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (b) u (c), tiegħu.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 u jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti, għaż-żamma, għas-sospensjoni u għall-irtirar tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom, u r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 ([3]) jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-mard elenkat, imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, tal-annimali, fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat. B'mod aktar partikolari, jelenka fl-Annessi tiegħu, l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom bi status ta' ħelsien mill-mard, u jelenka wkoll il-programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi approvati eżistenti. Is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tinbidel ta' ċertu mard teħtieġ l-emenda ta' ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, sabiex jiġi approvat l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni tagħhom u tiġi rtirata l-approvazzjoni għal ċerti żoni tal-Istati Membri fejn ġew ikkonfermati tifqigħat ta' mard jew fejn il-kondizzjonijiet għaż-żamma tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ma għadhomx jiġu ssodisfati, u sabiex jiġu approvati ċerti programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi ppreżentati lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tal-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/620/oj).

(4) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. Suis*, bid-dijarea virali bovina (BVD), għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) (BTV), bis-septiċemija emorraġika virali (VHS) u bin-nekrożi emopojetika infettiva (IHN), diversi Stati Membri reċentement applikaw lill-Kummissjoni biex ikollhom status ta' ħelsien mill-mard jew għal emendi għall-programmi ta' eradikazzjoni approvati għal ċerti żoni tat-territorju tagħhom. Barra minn hekk Stat Membru nnotifika tifqigħat ta' infezzjoni bil-BTV u dan jeħtieġ li jiġi rifless ukoll fl-Anness rilevanti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.

(5) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. Suis* fl-annimali bovini, l-Italja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Provinċja ta' Agrigento fir-reġjun ta' Sqallija. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li l-applikazzjoni kienet tikkonforma mal-kriterji stipulati fil-Parti II, il-Kapitolu 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard. Għalhekk, jenħtieġ li dik il-provinċja tiġi elenkata bħala żona ħielsa mill-*Brucella abortus*, mill-*B. melitensis* u mill-*B. suis* fl-annimali bovini fil-Parti I, il-Kapitolu 1, tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.

(6) Għall-BVD, il-Ġermanja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-BVD stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fir-reġjuni ta' Göttingen, Northeim u Stade fl-istat tas-Sassonja t'Isfel u fir-reġjun ta' Kleve fl-istat ta' Nordrhein-Westfalen. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dawn l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stipulati fil-Parti II, il-Kapitolu 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-għoti tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-BVD. Għalhekk, jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, li għandhom status ta' ħelsien mill-mard għall-BVD.

(7) Fir-rigward tal-infezzjoni bil-BTV, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-infezzjoni bis-serotip 4 tal-BTV fil-provinċja ta' Alicante fil-komunità awtonoma ta' Valenzja. Peress li din il-provinċja għandha status ta' ħelsien mill-mard u hija elenkata fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, jenħtieġ li l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-infezzjoni bil-BTV tiġi rtirata, u jenħtieġ li l-entrata għal Spanja f'dik il-lista tiġi emendata skont dan.

(8) Spanja infurmat ukoll lill-Kummissjoni li estendiet il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm ta' eradikazzjoni fakultattiv għall-infezzjoni bil-BTV diġà approvat għaż-żona elenkata fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 biż-żieda ta' żona waħda li tinkludi l-provinċja ta' Alicante fil-komunità awtonoma ta' Valenzja. Għalhekk, jenħtieġ li dik iż-żona tiżdied mal-entrata għal Spanja fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, u li l-emenda proposta għall-programm ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bil-BTV tiġi approvata.

(9) Għall-infezzjoni bil-VHS, id-Danimarka u l-Estonja ressqu informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-VHS stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati għat-territorji rispettivi tagħhom kollha. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dawk l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stipulati fil-Parti II, il-Kapitolu 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-għoti tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-VHS. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi elenkat it-territorju kollu ta' dawk l-Istati Membri fil-Parti I tal-Anness XII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, li għandhom status ta' ħelsien mill-mard għall-VHS.

(10) Għall-infezzjoni bil-IHN, l-Estonja u l-Finlandja ressqu informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-IHN stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati għat-territorju kollu u għal kompartiment wieħed rispettivament. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dik l-applikazzjoni kienet tikkonforma mal-kriterji stipulati fil-Parti II, il-Kapitolu 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-għoti tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-IHN. Għalhekk, jenħtieġ li t-territorju kollu tal-Estonja u kompartiment wieħed fil-Finlandja jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, li għandhom status ta' ħelsien mill-mard għall-IHN.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformita mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, VII, VIII, XII, u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I, VII, VIII, XII u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, il-Kapitolu 1, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"L-Italja	Regione Abruzzo: Provincia di Pescara, Teramo Regione Basilicata: Provincia di Matera Regione Calabria: Provincia di Vibo Valentia Regione Campania: Provincia di Avellino, Benevento, Napoli Regione Emilia-Romagna Regione Friuli Venezia Giulia Regione Lazio Regione Liguria Regione Lombardia Regione Marche Regione Molise: Provincia di Campobasso Regione Piemonte Regione Puglia: Provincia di Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi, Lecce Regione Sicilia: Provincia de Agrigento Regione Sardegna Regione Toscana Regione Trentino – Alto Adige Regione Umbria Regione Valle d'Aosta Regione Veneto"

(b) fil-Parti II, il-Kapitolu 1, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"L-Italja	Regione Abruzzo: Provincia dell'Aquila, di Chieti Regione Basilicata: Provincia di Potenza Regione Calabria: Provincia di Catanzaro, Cosenza, Crotone, Reggio Calabria Regione Campania: Provincia di Caserta, Salerno Regione Molise: Provincia di Isernia Regione Puglia: Provincia di Foggia, Taranto Regione Sicilia minbarra l-provinċja ta' Agrigento"

(2) L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, l-entrata għall-Ġermanja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Il-Ġermanja	Bundesland Baden-Württemberg Bundesland Bayern Bundesland Brandenburg Bundesland Bremen Bundesland Hamburg Bundesland Hessen Bundesland Mecklenburg-Vorpommern

Stat Membru	Territorju
	Bundesland Niedersachsen, minbarra l-Landkreis Cuxhaven u Oldenburg Bundesland Nordrhein-Westfalen, minbarra l-Kreis Borken, Gütersloh, Höxter Paderborn Bundesland Schleswig-Holstein, minbarra l-Kreis Rendsburg-Eckernförde Bundesland Rheinland-Pfalz Bundesland Saarland Bundesland Sachsen Bundesland Sachsen-Anhalt Bundesland Thüringen”

(b) fil-Parti II, l-entrata għall-Ġermanja hija sostitwita b’dan li ġej:

Stat Membru	Territorju	Id-data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689
“Il-Ġermanja	Bundesland Berlin Bundesland Niedersachsen: Landkreis, Cuxhaven u Oldenburg Bundesland Nordrhein-Westfalen: Kreis Borken, Gütersloh, Höxter, Paderborn Bundesland Schleswig-Holstein: Kreis Rendsburg-Eckernförde	Il-21 ta’ Frar 2022”

(3) l-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, l-entrata għal Spanja hija sostitwita b’dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
“Spanja	Comunidad Autónoma de Aragón Comunidad Autónoma de Canarias Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha, il-provinċja ta’ Guadalajara Comunidad Autónoma de Castilla y León, minbarra ż-żoni li ġejjin: Il-provinċja ta’ Ávila Il-provinċja ta’ Salamanca Cantalejo, Carbonero El Mayor, Santa María la Real de Nieva, Segovia, Villacastín fil-provinċja ta’ Segovia Alcañices, Bermillo de Sayago, Puebla de Sanabria fil-provinċja ta’ Zamora Comunidad Autónoma de Cataluña Comunidad Autónoma de La Rioja Comunidad Autónoma de las Islas Baleares Comunidad Autónoma de Navarra Comunidad Autónoma del País Vasco Comunidad Autónoma de Valencia: Il-provinċja ta’ Castellón u l-provinċja ta’ Valencia”

(b) il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI II

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-BTV

Stat Membru	Territorju	Id-data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689
Spanja	Comunidad Autónoma de Andalucía Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha, minbarra l-provinċja ta' Guadalajara Comunidad Autónoma de Asturias Comunidad Autónoma de Cantabria Comunidad Autónoma de Castilla y León: Il-provinċja ta' Ávila Il-provinċja ta' Salamanca Cantalejo, Carbonero El Mayor, Santa María la Real de Nieva, Segovia, Villacastín fil-provinċja ta' Segovia Alcañices, Bermillo de Sayago, Puebla de Sanabria fil-provinċja ta' Zamora Comunidad Autónoma de Extremadura Comunidad Autónoma de Galicia Comunidad Autónoma de Madrid Comunidad Autónoma de Murcia Comunidad Autónoma de Valencia: Il-provinċja ta' Alicante	Il-21 ta' Frar 2022"

(4) l-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għad-Danimarka hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Id-Danimarka	It-territorju kollu"

(ii) l-entrata li ġejja għall-Estonja qed tiddaħħal bejn l-entrata għad-Danimarka u l-entrata għall-Irlanda:

Stat Membru	Territorju
"L-Estonja	It-territorju kollu"

(b) fil-Parti II, titħassar l-entrata għall-Estonja.

(5) l-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti I hija emendata kif ġej,

(i) l-entrata li ġejja għall-Estonja tiddaħħal wara l-entrata għall-Irlanda:

Stat Membru	Territorju
"L-Estonja	It-territorju kollu"

(ii) l-entrata għall-Finlandja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Il-Finlandja	It-territorju kollu minbarra l-kompartiment kostali magħmul mill-partijiet tal-muniċipalitajiet ta' Eckerö u ta' Hammarland f'ċirku b'radjus ta' 10 km, li jinsabu fiċ-ċirku tar-raġġ iċċentrat fuq WGS84 fil-koordinati Lat 60,207175390°, Lon 19,507907780°"

(b) fil-Parti II, titħassar l-entrata għall-Estonja.